MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 968/1992/2

**Arthur Valletta**

**v.**

**Mario Cutajar bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza**
**tas-socjeta` Cutajar Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur li tghid hekk:

“Peress illi l-attur xtara minghand certu Mario Delia television sett tal-kulur tal-marka “Normande” bil-prezz ta’ Lm569 liema sett kien kopert minn garanzija ghall-perjodu ta’ tlett snin mahruga mis-socjeta` konvenuta kif jidher mid-dokumenti esebiti, fis-7 ta’ Awissu 1989. U press li dan is-sett kellu u ghandu difett fit-tubu tieghu u partijiet ohra u nonostante diversi promessi da parti tal-konvenut nomine li anke kien ha s-sett diversi drabi ghat-tiswija, dan id-difett baqa’ jissussisti;

“U billi a tenur tal-garanzija citata l-konvenut kien obligat jibdel jew isewwi minghajr hlas kull parti tas-sett li tirrizulta difettuza. U billi ghalhekk il-konvenut naqas minn dan l-obligu tieghu a tenur ta’ l-istess garanzija illi ghadha veljanti;

“Ighid ghalhekk l-attur talab li l-konvenut nomine jghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m’ghandhiex:

“1. tordnalu jirrepara jew jibdel skond il-kaz, it-tubu tas-sett tat-televizjoni u partijiet ohra li jirrizultaw difettuzi fuq imsemmi fi zmien qasir u perentorju iffissat minnha stess;

“2. fin-nuqqas tawtorizza lill-attur jirrepara jew jibel skond il-kaz l-istess tubu a spejjez tal-konvenut, dejjem taht is-supervizjoni ta’ perit tekniku appuntat mill-istess Qorti;

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine li gie ngunt ghas-subizzjoni;”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine li in forza taghha eccepixxa illi:
“1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu peress illi ma jezistux id-difetti allegati li jezistu fis-sett tat-television ‘Nomende’ minnu mixtri;

“2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut nomine li in forza taghha eccepixxa illi:

"1. Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia` mressqa l-eccipjent nomine qed jissoleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici bl-gheluq ta' xahar skond l-Artikolu 1431(1) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16):

"2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;"

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civli fl-1 ta' Dicembru, 1997, li in forza taghha cahdet l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta` konvenuta, bl-ispejjez ta' l-istess kontra l-istess socjeta`; minn din is-sentenza ma sarx appell;

Rat is-sentenza definittiva moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Mejju, 2005, li in forza taghha iddecidiet il-kawza fis-sens illi:
"fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut nomine fil-mertu u billi fit-tieni lok tilqa' t-talbiet attrici u tordna li l-konvenut nomine ghandu jirripara jew jibdel skond il-kaz, it-tubu tas-sett tat-televizjoni in kwestjoni u dana fi zmien tlett (3) xhur millum u taht is-supervizjoni ta' l-espert tekniku Jason Markham li appuntu qed jigi nominat ghal dan l-iskop u fin-nuqqas tawtorizza lill-attur jirripara jew jibdel skond il-kaz l-istess tubu a spejjez tal-konvenut nomine dejjem taht is-supervizjoni ta' l-espert tekniku Jason Markham;

"Spejjez kollha kontra l-konvenut nomine";
Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Fic-citazzjoni l-attur jippremetti li akkwista sett tat-televizjoni tal-kulur tal-marka "Normande" bil-prezz ta' Lm569, kif kopert, dan is-sett, minn garanzija ghall-perjodu ta' tlett snin mahruga mis-socjeta` konvenuta. L-attur ikompli jippremetti li s-sett ghad ghandu difett fit-tubu u dan nonostante li, diversi drabi l-konvenut nomine ha l-istess sett ghat-tiswija. L-attur qed isostni li a tenur ta' l-imsemmija garanzija l-konvenut nomine kien obligat jibdel jew isewwi minghajr hlas kull parti tas-sett li tirrizulta difettuza. Ghalhekk l-attur qed jitlob li l-konvenut nomine jigi ordnat li jirrepara jew jibdel, skond il-kaz, it-tubu tas-sett tat-televizjoni in kwestjoni u fin-nuqqas l-istess attur

jigi awtorizzat jirrepara jew jibdel, skond il-kaz, l-istess tubu huwa stess a spejjez tal-konvenut;

“Il-konvenut nomine eccepixxa li d-difetti allegati mill-attur ma jesistux. L-istess konvenut nomine eccepixxa ulterjorment li l-azzjoni attrici hi preskritta bl-gheluq ta’ xahar skond l-Artikolu 1431(1) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16). Din l-eccezzjoni ulterjuri giet michuda bid-decisjoni ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta) tal-1 ta’ Dicembru 1997. Ghalhekk fadal li jigi deciz il-mertu tal-kwestjoni bejn il-partijiet;

“Fir-relazzjoni kongunta ta’ l-esperti gudizzjarji, konfermata bil-gurament fil-kors tas-seduta tas-seduta tas-6 ta’ Frar 2002, l-esperti tekniku kkonkluda li s-sett in kwestjoni fih difett li jista’ jkun kagunat jew minn xi komponenti li jikkontrollaw id-degausing circuit jew inkella difett fit-tubu kagunata mis-shadow mask li tista’ tkun imcaqalqa. Sabiex jigi stabblilit definittivament ghal xix hu dovut id-difett hu necessarju li s-sett jinfetah u bazikament jissewwa;

“Fl-ewwel kaz biex jinbidel il-komponent hemm involuta spiza minima. Fit-tieni kaz ikun necessarju li t-tubu jinbidel. Il-perit tekniku ukoll ikkonkluda li jekk is-sett jigi mcaqqlaq minn fejn hu hemm probabilita` kbira li ssir hafna hsara u allura t-TV ikun “beyond economical repair”. Il-perit tekniku ma setax jghid jekk t-TV in kwistjoni kienx difettuz mill-bidu jew jekk id-difett kienx ir-rizultat ta’ xi haga li grat wara l-akkwist. Inoltre t-tip ta’ tubu in kwistjoni gie “phased out” hafna zmien ilu. Meta l-istess perit tekniku gie eskus mill-attur huwa qal li l-probabilita` hi li d-difett hu fit-tubu;

“Il-perit legali kkonkluda li, tenut kont tal-provi prodotti, jirrizulta li s-sett tat-televizjoni in kwestjoni zviluppa difetti fi zmien li l-garanzija relattiva kienet vigenti. L-istess perit legali kkonkluda li jirrizulta li l-konvenut nomine kien lest li jaghmel dak kollu li kien necessarju, izda kien jidher li l-attur kien tilef il-fiducja fih. Huwa kkonkluda ukoll li l-attur kien naqas meta rrifjuta li jikkonsenja s-sett lis-socjeta` konvenuta kif hemm indkat fil-garanzija. Il-perit legali

kkonstata ukoll li l-attur dejjem baqa’ juza s-sett in kwestjoni. Il-perit legali finalment ikkonkluda li fl-opinjoni tieghu t-talbiet attrici ghandhom jigu accettati izda s-socjeta` konvenuta ghandha tigi ordnata li taghmel dawk ir-riparazzjonijiet, li fl-opinjoni tal-Perit Tekniku huma kompatibbli ma’ difetti minhabba l-fatt li issa s-sett tat-televizjoni gie akkwistat hafna zmien ilu;

“L-imsemmija konkluzjonijiet ta’ l-abbli esperti gudizzjarji jimmeritaw li jigu adottati. In effett ma jirrizulta xejn li jista’ jgieghel li din il-Qorti li tiskarta jew b’xi mod tvarja dawn l-istess konkluzjonijiet. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti;

“Fl-ahhar nett ghandu ukoll jigi rilevat li l-konvenut nomine, fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet responsiva tieghu, donnu qed jissolleva eccezzjoni ohra fis-sens li l-attur baqa’ ghal dan iz-zmien kollu, naturalment anke “pendente lite”, jinqeda’ u jara u jgawdi t-television “de quo” minghajr ma rritornah jew minghajr ma ghadda ghad-depozitu tieghu taht l-awtorita` ta’ dina l-Qorti u dana kif kien obbligat li jaghmel skond il-ligi qabel jew kontestwalment mal-prezentata tac-citazzjoni tieghu. Hu ovvju li f’dan l-istadju l-konvenut nomine, minnghajr id-debita awtorizzazzjoni, ma jistax jissolleva eccezzjoni ta’ dan it-tip. Ghalhekk il-Qorti ma tistax u mhux ser tidhol f’din il-kwestjoni;”

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-konvenut nomine li in forza tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fit-2 ta’ Mejju, 2005, u dana billi tichad it-talbiet ta’ l-attur u tilqa’ l-eccezzjonijiet u l-aggravji tieghu bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta ta’ l-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab li l-appell tal-konvenut nomine jigi respint u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut nomine;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur kien xtara sett tat-televizjoni tal-kulur tal-marka "Normende" minghand is-socjeta` konvenuta. Dan il-bejgh kien kopert b'garanzija kuntrattwali, li kif jinghad fiha stess inghatat "as an extra benefit, and does not effect your legal rights". Din il-garanzija inghatat ghal zmien tlett snin mis-7 ta' Awissu, 1989. Din il-garanzija kienet tipprovdi kopertura fis-sens li gej:
"Under this guarantee your set is covered for electrical, electronic and mechanical faults. Cutajar Ltd. undertakes to exchange or repair free of charge including labour to the purchaser, any part of the set found to be defective within the stated period provided that the set has been used under normal circumstances and by the original purchaser only. This guarantee does not in any way cover damage or faulty operation resulting from misuse and or mishandling of the set in connection to unsuitable electricity supply ..... the liability of this Company under this guarantee is strictly limited to the repair or exchange of the defective part only .... Should any defect arise and a claim under guarantee become necessary, the appliance should be returned to Cutajar Ltd...."

Ftit wara li l-attur xtara t-televizjoni, beda jinduna bi spots jew patches fl-istampa, u ghalkemm ikkuntattja lis-socjeta` konvenuta biex din telimina dan id-difett, it-tiswija li ghamlet is-socjeta` konvenuta ma swiet ghal xejn ghax l-istampa baqghet l-istess.

L-ewwel Qorti qabdet perit tekniku biex jezamina s-sett tat-televizjoni u dan irrelata li t-televizjoni kien difettuz u kkonkluda li d-difett kien fit-tubu li, ghalhekk, kellu jinbidel. L-ewwel Qorti abbraccjat il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku, u ordnat lis-socjeta` konvenuta tirripara jew tbiddel it-tubu tas-sett tat-televizjoni in kwistjoni fi zmien tlett xhur.

Is-socjeta` konvenuta appellat minn din is-sentenza, bl-aggravju jkun li darba li l-attur, wara li nduna bid-difett,

zamm u kompla juza t-televizjoni, ma jistax aktar jinqeda bil-garanzija li kienet tkopri dak is-sett.

Ghalkemm dan l-aggravju kien tressaq ukoll ghall-konsiderazzjoni ta’ l-ewwel Qorti, ma kienx jifforma parti mill-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta, u l-ewwel Qorti korrettement irrimarkat li hi ma setghetx tidhol f’dik il-kwistjoni, la darba dak l-ilment tressaq biss fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet, u mhux bhala eccezzjoni ulterjuri wara d-debita approvazzjoni. Fil-fatt, din il-Qorti, fil-kawza “**Christina v. Mizzi**” deciza fis-27 ta’ Marzu, 2003, kienet osservat li eccezzjoni ulterjuri tista’ tigi sollevata <u>biss</u> bil-permess tal-Qorti. Hekk ukoll, fil-kawza “**Camilleri v. Aquilina**”, deciza minn din il-Qorti fis-16 ta’ Marzu, 2004, gie osservat li:
“...in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tinkwadra l-linja difensjonali tal-konvenut ghat-talbiet li jkunu saru fic-citazzjoni u mhux korrett u lanqas ma ghandu jigi permess li, fi stadju tal-provi jkun maghluq u meta din tithalla ghas-sottomissjonijiet orali jew biex jigu prezentati noti ta’ l-osservazzjonijiet, il-kontroparti tigi rinfaccata b’linja difensjonali gdida minghajr ma jigu osservati r-regoli procedurali”.

Kwindi, l-ewwel Qorti kienet korretta meta osservat li la darba d-difiza tas-socjeta` konvenuta kienet ristretta ghan-nuqqas ta’ difetti fit-televizjoni in kwistjoni, ma kienx lecitu ghall-istess socjeta` li tohloq lamenteli ohra fl-istadju meta l-gbir tal-provi kienu nghalqu u meta l-kawza kienet imhollija ghas-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Apparti dan, din il-Qorti ma tarax li l-ilment tas-socjeta` konvenuta huwa sorrett fil-ligi. Din il-Qorti taqbel mal-gurisprudenza li ghaliha ghamlet referenza s-socjeta` konvenuta, fis-sens li kompratur ma jistax jinqeda “<u>mir-rimedji li taghti l-ligi</u>” meta, wara li jinduna bid-difett fl-oggett mixtri, hu jibqa’ jzomm dak l-oggett, juzufruwixxi minnu u jibqa’ jgawdih; pero`, <u>f’dan il-kaz</u>, l-attur mhux qed isejjes l-azzjoni tieghu fuq allegat difett mistur, u lanqas fuq in-nuqqas tal-kwalita` mweghda – lanjanzi li ghalihom il-ligi tforni lix-xerrej b’rimedji partikolari u appoziti – <u>izda a bazi tal-garanzija kuntrattwali ta’ bejnu u</u>

l-venditur konvenut. Fi kliem iehor, l-attur mhux qed jitlob li jibbenefika mir-rimedji li taghti l-ligi, izda mir-rimedji kuntrattwali li l-venditur intrabat li jaghti bil-garanzija. Ix-xerrej, f'dan il-kaz, mhux qed jezercita l-garanzija legali, imma dik konvenzjonali ghat-tiswija, u, ghalhekk, ir-regoli li jikkondizzjonaw ir-rimedji li taghti l-ligi, mhux necessarjament japplikaw ghal kaz ta' azzjoni bazata fuq garanzija kuntrattwali.

F'dan il-kaz din il-garanzija moghtija lill-attur ma tipprovdix li x-xerrej, malli jinduna b'xi hsara, ghandu minnufih jirritorna s-sett tat-televizjoni lis-socjeta` konvenuta, izda tipprovdi li f'kaz ta' "electrical, electronic and mechanical fault" rizultat ta' uzu "under normal circumastances", dak il-*fault* ghandu jigi rrangat mis-socjeta` venditrici, li zammet id-dritt li tiehu s-set fil-hwienet taghha, f'kaz li dan ikun mehtieg biex tkun tista' ssir it-tiswija necessarja.

Meta l-attur induna bid-difett fl-istampa, hu mill-ewwel irrapporta s-sitwazzjoni lid-ditta venditrici, li ghalkemm ippruvat issewwi s-sett tat-televizjoni, u anke biddlet hafna mill-*parts* ta' l-istess (hlief ghat-tubu), baqghet ma ottemperatx ruhha mat-termini tal-garanzija li hija stess tat lill-attur. Ma jirrizultax li l-attur ghamel bis-sett tat-televizjoni xi haga oltre milli uzu normali, u lanqas ma jirrizulta li bl-uzu li hu ghamel tas-sett kabbar il-hsara jew b'xi mod ippregudika l-possibbilita` ta' tiswija fit-termini tal-garanzija. Dan mhux kaz fejn l-attur zamm l-oggett u baqa' juzah minghajr ma ressaq ilment lill-venditur, izda hu mill-ewwel interpella lis-socjeta` konvenuta taht il-garanzija, u meta baqa' bla sodisfazzjon ressaq dawn il-proceduri biex jinghata r-rimedju opportun taht l-istess garanzija. Dan, ghalhekk, mhux kaz ta' abbandun tad-drittijiet li kellu l-attur.

Is-socjeta` konvenuta qed tallega li bl-agir tieghu, l-attur "irrinunzja" ghar-rimedju li taghti l-garanzija. Din il-Qorti ma tarax li tista' taccetta dan l-argument. Mill-provi jirrizulta li kull ma ried l-attur kien li sett tat televizjoni jissewwa u l-istampa tkun wahda tajba u cara, u qatt ma irrinunzja ghal dan. Fil-bidu, s-socjeta` konvenuta hadet

it-television set u ghamlet xi tibdiliet fih, izda d-difetti baqghu jidhru, u l-attur baqa’ jinsisti ghar-rimedju.

Ghall-argument tas-socjeta` konvenuta jghodd dak li qalet din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza “**Parfitt v. Krea (Malta) Ltd.**”, deciza fit-12 ta’ Dicembru, 2007, fis-sens illi: “Fuq is-sekwela tal-fatti maghrufa hu ferm difficli ghal din il-Qorti li taccetta l-proposizzjoni tar-rinunzja ghar-rimedju esperit mill-appellata. Ma thossx li hu sewwa illi fic-cirkostanzi maghrufa s-socjeta` appellanti twieghed li taghmel bosta affarijiet biex tirrimedja ghall-inadempjenzi taghha stess, thalli z-zmien ghaddej inutilment bla ma taghmel xejn, ma taghmilx lanqas ix-xoghlijiet rettifikatorji proposti mill-appellata, biex, imbaghad, meta tigi azzjonata, tirrinfaccja lill-appellata illi hi zammet il-kcina u wkoll, ghamlet l-ghazla taghha u ma tistax aktar tindetreggja lura ghax tkun irrinunzjat. Opportunement fl-ewwel lok ghandu dejjem jigi mfakkar bhala punt ta’ ligi illi r-rinunzji “*di strett diritto*” jridu jirrizultaw minn fatti univoci li minnhom ma tista’ tingibed ebda kongettura ohra hlief il-propozitu evidenti tar-rinunzja.”

F’dan il-kaz, ma jezistux cirkostanzi li jindikaw irrifjutabbilment rinunzja ghar-rimedju taht il-garanzija. Is-socjeta` konvenuta kellha obbligu taghmel tajjeb ghad-difett li kellu s-sett tat-televizjoni, u ghan-nuqqas taghha li taghmel dan, ma tistax aktar tmur lura u tirrinfaccja lill-attur b’argument li mhix aktar tenuta issewwi ghax zamm l-oggett. Dak li hu obbligu taghha li taghmel, trid taghmlu, aktar u aktar meta ppruvat, imma ghal xejn, issewwi u issa qed tirrifjuta li taghmel dik il-haga li gie identifikat li ghandu jsir, cioe`, tiswija jew bidla tat-tubu.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata, b’dan li t-terminu ta’ 3 xhur prefiss mill-ewwel Qorti jibda jiddekorri mil-lum.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu kollha mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------